MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 507/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt. Sandro Zarb)**
**Vs**
**Aleksei Kostin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) talli hu mfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji ta' l-Estonja, pajjiz skedat ai termini tal-artikolu 5 tal-A.L. 320 tal-2004 sabiex jiskonta piena fuqu nflitta wara patteggament fil-proceduri penali li kienu ghaddejjin fil-konfront tieghu, dwar reat ta' serq bi vjolenza, kif indikat fil-Mandat t'Arrest Ewropew, li jgib ir-riferenza 1-09-16812.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Fl-Att Dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) tat-30 ta' Novembru, 2011, li biha ordnat li l-

estradant jinzamm taht kustodja sabiex jistenna t-treggija tieghu lejn l-Awtorita` Gudizzjarja barranija involuta. L-istess treggija ghandha ssehh wara li jiskadu sebat (7) ijiem minn meta l-estradant jispicca jiskonta l-piena msemmija inflitta mill-Qrati Maltin. Inoltre din il-Qorti inghatat soggetta ghar-"rule of speciality".
Hawnhekk il-Qorti infurmat lill-estradant illi hu jista` jappella minn din l-Ordni quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll li f'kaz li xi dritt tieghu nkiser, qed jinkiser jew ser jinkiser hu ghandu d-dritt li jitlob rimedju skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew taht il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tordna illi l-appellant m'ghandux jitregga lura lejn ir-Repubblika ta' l-Estonja jew fin-nuqqas illi tali treggiegh jigi sospiz sakemm il-kundizzjoni medika ta' l-appellant hija tali illi tippermetti tali treggiegh minghajr periklu ghas-sahha ta' l-istess appellant.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti ma nghatat l-ebda assigurazzjoni mill-Istat Rikjedent kif hu mentieg taht l-artikolu 10(3) tal-Kap. 276 moqri flimkien mar-regolament 18(3) ta' L.S. 276.05. Galadarba l-Istat Rekjedent ma tax l-assigurazzjoni illi titlob daqshekknettament il-ligi taghna, it-treggiegh lura tal-appellant kellha tigi mpeduta minhaba specjalita` kif tiddisponi l-istess ligi.

Fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, peress illi l-appellant jbati minn kundizzjoni medika kkawzata mill-fatt ili jbati minn Hepatite C u peress illi gie ppruvat illi l-kundizzjonijiet fil-habsijiet fl-Estonja huma tali illi ma jassigurawx illi l-appellant jinghata trattament mediku adekwat ghall-kundizzjoni medika li jbati minnha, t-treggiegh lura tal-appellant ghandha tigi sospiza ai termini

tar-regolament 31 ta’ L.S 276.05 sakemm dina l-Qorti ma tkunx sodisfatta illi l-appellant fieq mill-kundizzjoni medika msemmija stante t-trattament li qed jinghata hawn Malta u li jidher li m’hux ser ikun disponibbli fil-habs ta’ l-Estonja.

Ikkunsidrat:

Illi l-ilmenti ta’ l-appellant huma principalment tnejn. L-ewwel wahda li l-ewwel Onorabbli Qorti ma nghatat ebda assigurazzjoni mill-istat rikjedent, kif inhu mehtieg mill-artikolu 10(3) tal-Kap. 276. Fit-tieni lok, l-appellant qed jghid illi jbaghti minn kundizzjoni medika deskritta bhala Hepatite C u peress illi ma giex ippruvat illi l-kundizzjonijiet fil-habsijiet fl-Estonja huma tali illi ma jaghtux assigurazzjoni li jinghata trattament mediku adekwat, quindi din il-Qorti kellha tissospendi l-estradizzjoni ta’ l-appellant.

Minn naha ‘l ohra, l-Avukat Generali wiegeb illi l-ewwel nett ir-rikors kien null ghax fih nuqqas tal-elementi formali tieghu. Argumentat illi r-rikors ma fiehx l-esposizzjoni tal-fatti u ukoll li kellha tintalab ir-riforma u mhux ir-revoka. Terga’, l-Qorti ma kelliex tistenna l-ebda assigurazzjoni u t-tielet illi fil-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) l-appellant ukoll ressaq il-kwistjoni tal-kundizzjoni medika tieghu, izda dina giet michuda.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rikors ta’ l-appell minn fejn jirrizulta car illi l-ezpozizzjoni tal-fatti huma nieqsa. Dan wahdu jista’ jirrendi r-rikors null, peress illi huwa element formali tar-rikors illi minghajru rikors ma jistax jigi milqugh. Ma dan kollu, l-Qorti mhix sejra tillimata ruhha biss ghal din il-kwistjoni u trid tiddeciedi dan ir-rikors fuq il-meritu. U ghalhekk tghaddi biex tiddisponi mill-ilmenti ta’ l-appellant.

Jibda biex jinghad illi l-ilment tal-kundizzjoni medika tieghu giet imqajma quddiem il-Qorti Kostituzzjonali liema Qorti trattat din il-kwistjoni u ddecidiet illi ma ngabet l-ebda prova dwarha. Quddiem din il-Qorti gew esebiti fotokopji mhux awtentikati ta’ kundizzjoni medika illi allegatament

qed ibaghti biha l-appellant. Din il-Qorti ma jidhirliex illi ghandha taghti kaz dawn id-dokumenti. Bhal ma gida inghad, il-kwistjoni tal-kundizzjoni medika ta’ l-appellant giet imqajma u trattata minn Qorti ohra u mhux il-kaz illi din il-Qorti terga’ tidhol fiha aktar u aktar meta jirrizulta illi dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Barra minn hekk, din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mis-servizzi medici disponibbli fl-istat ta’ l-Estonja. Dawn mhumiex xi haga inferjuri ghal xi pajjiz iehor fl-Ewropa u jekk hemm kura medika ghall-kundizzjoni ta’ l-appellant, dan jista’ facilment jircevihom fil-pajjiz rikjedent. U b’hekk, din il-Qorti qieghda tichad dan l-aggravju ta’ l-appellant.

L-aggravju ‘l iehor jikkoncerna l-assigurazzjoni mill-istat rikjedent kif inhu mehtieg fl- artikolu 10(3) tal-Kap. 276. Jibda’ biex jinghad illi l-Estonja huwa wiehed mill-pajjizi msemmija fl-iskeda wiehed bhala *designated foreign country* ghar-ragunijiet ta’ l-artikolu 7 ta’ l-att rilevanti fil-kuntest tal-legislazzjoni sussidjarja numru 276/05. Ghalhekk minn dan l-att ma hemm l-ebda impediment biex din il-Gurisdizzjoni tkun tista’ tibghat lill-appellant fil-pajjiz rikjedent l-Estonja.

L-appellant invoka favur tieghu l-artiklu artikolu 10(3) tal-Kap. 276 li huwa l-att ta’ estradizzjoni u qal illi ma gewx moghtija l-assigurazzjonijiet msemmija f’dan l-artikolu. Din il-Qorti jidhirlha illi ma ghandha tistenna ghall-ebda assigurazzjoni ghax il-ligi stess tawtorizza t-trasferiment. B’dana a bazi ta’ European Arrest Warrant illi gie trasferit fil-ligi Maltija permezz ta’ l-avviz legali 320/04. Ghalhekk it-talba ta’ l-istat rikjedent hija wahda legali u ma hemm l-ebda impediment ghall-estradizzjoni ta’ l-appellant.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi d-decizzjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet wahda ragonevoli u legalment korretta u setghet facilment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-decizjoni. Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. B’dana pero` peress li t-termini msemmijja fis-sentenza tat-30 ta’ Novembru 2011 issa skadew, Alexsei Kostin

ghandu jigi estradit ghall-Estonia minnufih jew fl-anqas zmien prattikament possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------